

# Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar **l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin**

## **Drittijiet** tal-Vittmi

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE



**It-Traffikar tal-Bnedmin jikser id-drittijiet u jaffettwa l-ħajja ta' għadd kbir ta' persuni fl-Ewropa u lil hinn minnha. Numru dejjem akbar ta' nisa, rġiel u tfal qed jiġu mibjugħa bħallikieku kienu oġġetti, bejn fruntieri jew f'pajjiżhom stess, u qed jinqabdu fin-nassa tal-isfruttament u tal-abbuż.**

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar tal-2008, għandha l-għanijiet li ġejjin:

- il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin
- il-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar
- il-prosekuzzjoni tat-traffikanti, u
- il-promozzjoni tal-koordinazzjoni tal-azzjonijiet nazzjonali u tal-kooperazzjoni internazzjonali.

Il-konvenzjoni tapplika għal:

- kull forma ta' traffikar, kemm nazzjonali kif ukoll transnazzjonali, marbuta jew le mal-kriminalità organizzata,
- l-vittmi kollha tat-traffikar (nisa, rġiel u tfal),
- il-forom kollha ta' sfruttament (sesswali, xogħol jew servizzi furzati, jasar, servit, tneħħija ta' organi, eċċ).

Il- valur miżjud ewlieni tal-konvenzjoni huwa l-enfasi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-vittmi. Il-konvenzjoni tiddefinixxi t-traffikar bħala l- ksur tad-drittijiet tal-bniedem u bħala reat kontra d-dinjità u l-integrità tal-bniedem. Dan ifisser li l-awtoritajiet nazzjonali jinżammu responsabbli jekk ma jeħdux azzjoni sabiex jipprevjenu t-traffikar tal-bnedmin, iħarsu l-vittmi, u jinvestigaw il-każijiet ta' traffikar b'mod effettiv.

It-traffikar tal-bnedmin huwa fenomenu li jolqot id-dinja kollha mingħajr fruntieri; għaldaqstant il-konvenzjoni hija rilevanti għall-pajjiżi kollha tad-dinja u miftuħa għal kull wieħed minnhom.

## X'HINU T-TRAFFIKAR TAL-BNEDMIN?

Skont il-konvenzjoni, it-traffikar tal-bnedmin huwa taħlita ta' dawn it-tlett elementi li ġejjin:

- **azzjoni**: reklutaġġ, trasport, trasferiment, kenn, jew akkoljenza ta' persuni;
- bl-użu ta' ċerti **mezzi**: theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' kostrizzjoni, sekwestru, frodi, qerq, abbuż ta' poter jew ta' posizzjoni ta' vulnerabilità, jew l-għotja jew aċċettazzjoni ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra;
- għal **skop ta' sfruttament**: bħala minimu, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, jasar jew prattika simili għall-jasar, servitù, jew it-tneħħija ta' organi.

## X'HINI D-DIFFERENZA BEJN IT-TRAFFIKAR TAL-BNEDMIN U L-KUNTRABBANDU TAL-PERSUNI?

Filwaqt li l-għan tal-kuntrabbandu tal-persuni huwa l-qsim illegali tal-fruntieri għal-kisba, diretta jew indiretta, ta' benefiċċju finanzjarju jew ta' xi benefiċċju materjali ieħor, l-iskop tat-traffikar tal-bnedmin huwa l-isfruttament. Barra minn hekk, it-traffikar tal-bnedmin mhux dejjem jinvolvi l-qsim ta' fruntieri; jista' wkoll iseħħ fi ħdan l-istess pajjiż.



# MIN HUMA L- VITTMI TAT-TRAFFIKAR TAL-BNEDMIN?

Kwalunkwe persuna tista' taqa' vittma tat-traffikar - nisa, rġiel u tfal, nies ta' kull eta' u status soċjali. Il-persuni li jaqgħu vittma tat-traffikar tal-bnedmin, per eżempju, jiġu mġeghla jipprovdu servizzi sesswali, jaħdmu għal ftit ħlas jew b'xejn, jew sottomessi għat-tneħħija tal-organi. Ħafna drabi l-isfruttament huwa akkumpanjat bi vjolenza fiżika jew emotiva u theddid kontra l-vittma u l-qraba tagħha.

Skont il-konvenzjoni, vittma tat-traffikar tal-bnedmin hija persuna li ġiet reklutata, trasportata, trasferita, mogħtija kenn jew ġiet milqugħa ġo pajjiż jew minn pajjiż għal ieħor, bl-użu ta' theddid, forza, frodi, kostrizzjoni jew mezzi illeġali oħra, għal skop ta' sfruttament.

It-tfal jiġu meqjusa vittmi tat-traffikar tal-bnedmin anki jekk ma jiġi użat l-ebda **mezz** ta' reklutaġġ, trasport, trasferiment, kenn jew akkoljenza għal skop ta' sfruttament.

"Il-kunsens" tal-persuna għall-isfruttament huwa irrilevanti meta jkun ġie użat xi wieħed mill-**mezzi** (kostrizzjoni, frodi, abbuż ta, posizzjoni ta' vulnerabilità, eċċ). Barra minn hekk, persuna titqies vittma anki jekk l-isfruttament jkun għadu ma seħħx meta l-persuna tkun ġiet xorta waħda sottomessa għal waħda mill-**azzjonijiet** bl-użu ta' wieħed mill-**mezzi**.

# XI DRITTIJIET GĦANDHOM IL-VITTMI TAT-TRAFFIKAR SKOND IL-KONVENZJONI?

## Identifikazzjoni

Il-vittmi tat-traffikar iridu jiġu identifikati formalment bħala tali biex ma jiġux trattati bħala migranti irregolari jew kriminali. L-identifikazzjoni issir minn professjonisti mħarrġa apposta (fizzjali tal-pulizija, ħaddiema soċjali, spetturi tax-xogħol, tobba, persuni li jagħtu appoġġ, eċċ) li jsegwu proċeduri u kriterji miftiehma ta' identifikazzjoni.

## Perijodu ta' rkupru u riflessjoni

Qabel ma jiġu identifikati formalment, il-vittmi għandhom dritt għal perijodu minimu ta' tletin jum biex jirkupraw, jeħilsu mill-influwenza tat-traffikanti u jikkonsidraw li jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-investigazzjoni tar-reat ta' traffikar. Matul dan il-perijodu ma jistgħux jiġu mkeċċija mill-pajjiż u għandhom dritt għall-assistenza anki jekk il-permanenza tagħhom ma tkunx regolari.

## Assistenza

Irrispettivament mir-rieda tal-vittmi li jikkooperaw fl-investigazzjoni kriminali jew li jieħdu sehem bħala xiehda, huma għandhom dritt għal:

- akkomodazzjoni xierqa u sigura,
- għajnuna psikoloġika,
- għajnuna materjali,
- aċċess għal trattament mediku ta' emerġenza,
- servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni,
- counselling u informazzjoni,
- assistenza matul il-proċediment kriminali,
- aċċess għas-suq tax-xogħol, taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni, jekk ikunu residenti legalment fil-pajjiż.

## Assistenza legali

Il-vittmi tat-traffikar għandhom dritt għal informazzjoni rigward id-drittijiet tagħhom u l-proċeduri rilevanti kollha, b'ilsien li jifhmu. Għandhom ukoll dritt għall-għajnuna legali u għall-għajnuna legali bla ħlas taħt kundizzjonijiet speċifiċi.

## Permess ta' residenza

Lill-vittmi jista' jinħarġilhom permess ta' residenza li jkun jista' jiġġedded skont il-ħtiega tas-sitwazzjoni tagħhom jew jekk ikollhom bżonn jibqgħu fil-pajjiż biex jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-investigazzjoni tar-reat ta' traffikar. Il-ħruġ ta' permess ta' residenza ma jostakolax id-dritt tagħhom li jfittxu ażil.

## Protezzjoni tal-ħajja privata u tal-identità

L-informazzjoni personali tal-vittmi m'għandiex issir pubblika u tista' tinżamm biss għal raġunijiet legali speċifiċi. Ma għandhiex tintuża b'xi mod li bih jkunu jistgħu jiġu identifikati.

## Protezzjoni matul l-investigazzjoni u l-proċediment fil-qorti

Il-vittmi u l-familji tagħhom, meta jkun meħtieġ, għandhom jingħataw ħarsien mill-vendikazzjoni jew intimidazzjoni potenzjali min-naħa tat-traffikanti. Dan jista' jinkludi protezzjoni fizika, rilokazzjoni, bidla tal-identità u għajnuna biex isibu xogħol.

## Kumpens

Il-vittmi tat-traffikar għandhom id-dritt għal kumpens finanzjarju għad-danni li sofrew kawża tat-traffikanti. Dan il-kumpens jista; jingħata jew mill-qorti, wara l-konfiska tal-assi tat-traffikanti, jew mill-istat li fih seħħ l-isfruttament.

## Ripatrijazzjoni u ritorn

Ir-ritorn tal-vittmi lejn il-pajjiż tal-oriġini għandu jsir b'rispett xieraq għad-drittijiet, sigurtà u dinjità tagħhom u għandu jitqies l-istatus ta' kull proċediment legali relatat tagħhom. Fil-kas ta' ritorn, għandha tingħatalhom għajnuna għar-reintegrazzjoni, bħal edukazzjoni jew għajnuna biex isibu impieg.

# X'INHUMA D-DRITTIJIET SPEĊJALI TAT-TFAL LI JAQGĦU VITTMI TAT-TRAFFIKAR?

**Barra mid-drittijiet imsemmija hawnhekk li japplikaw għall-vittmi kollha tat-traffikar, it-tfal jibbenefikaw mid-drittijiet speċjali li ġejjin:**

- tfal mhux akkompanjati jiġu assenjati gwardjan legali biex jirrappreżentahom u jaġixxi fl-aħjar interessi tagħhom;
- għandhom jittieħdu passi biex tiġi stabbilita l-identità u n-nazzjonalità tat-tfal, u jekk ikun fl-aħjar interess tagħhom, biex jinstabu l-familji tagħhom;
- meta l-età ta' vittma ma tkunx ċerta, imma hemm raġunijiet tajba biex wieħed jemmen li l-vittma hi taħt it-tmintax-il sena, allura f'dan il-kas il-vittma għandha titqies bħala tifel jew tifla u tingħata miżuri ta protezzjoni speċjali sakemm tiġi verifikata l-età tagħha;
- it-tfal għandhom dritt għall-edukazzjoni u għal miżuri ta' assistenza li jieħdu kont tal-ħtiġijiet tagħhom;
- għandha issir evalwazzjoni tar-riskji u sigurtà qabel ma ssir ir-ripatrijazzjoni, u din għandha ssir biss jekk tkun fl-aħjar interessi tat-tifel jew tifla;
- it-tfal jibbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni speċjali matul l-investigazzjoni u l-proċediment fil-qorti.





# IL-MONITORAĠĠ TAL-IMPLEMENTAZZJONI TAL-KONVENZJONI

Il-pajjiżi kollha li iffirmaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa jiġu monitorati regolarment mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA). Ir-rwol tal-GRETA hu li tiżgura li l-provvedimenti tal-konvenzjoni jiġu implementati b'mod effettiv u li d-drittijiet tal-vittmi jiġu mħarsa.

Il-GRETA tanalizza s-sitwazzjoni pajjiż b'pajjiż, u toħroġ rapporti li jidentifikaw il-prassi tajba u nuqqasijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet fuq kif tista' tittejjeb l-implementazzjoni tal-konvenzjoni f'kull pajjiż. Ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet huma pubbliċi u jiġu publikati fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill tal-Ewropa kontra t-traffikar.

THB–INF (2013)2

## Għal kuntatti u informazzjonijiet ulterjuri

Segretarjat tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA u l-Kumitat tal-Partijiet)
Kunsill tal-Ewropa / Council of Europe
F-67075 Strasbourg Cedex
Franza / France
E-mail: Trafficking@coe.int

**www.coe.int/trafficking**

PREMS 233213 – MLT – © Council of Europe – Photographs © Shutterstock